16 ta' April, 1953

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Rita Schembri *versus* Avukat Dr. Albert V. Grech et ne.

**Separazzjoni Personali — Adulterju — Prova — Kawżali — Safar — Art. 598 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*L-adulterju huwa l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali.*

*Stante d-diffikultà tal-prova ta' l-adulterju, dan jista' jiġi pruvat per mezz ta' indizji u preżunzjonijiet, purke jkunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika.*

*Prova bażata fuq il-għajdud tan-nies tista' tiġi meħuda in konsiderazzjoni mill-Qorti, meta ċ-ċirkustanza li tirriżulta minn dak il-għajdud tkun importanti sostanzjalment fuq il-meritu tal-kawża.*

*Il-ħarka tal-konjuġi mal-persuna li magħha huwa allegat li kkommetta adulterju ġiet kostantement ritenuta bħala indizju gravi ta' l-adulterju.*

*Meta jiġi pruvat il-motiv ta' l-adulterju, ma hemmx bżonn jiġu pruvati l-kawżalijiet l-oħra allegati għas-separazzjoni personali; għax fuq biżżejjed li tirriżulta waħda biss mill-kawżalijiet elenkati mill-liġi għas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-imsemmi żewġ l-attriċi rrenda ruħu ħati lejn l-attriċi ta' adulterju, inġurji gravi, sevizji u minaċċi; talbet (1) li tiġi minn dina l-Qorti pronunċjata s-separazzjoni personali bejn l-attriċi u żewġha, l-imsiefer Paolo Schembri, għall-ħtija ta' l-istess żewġha; (2) li l-imsemmi żewġha jiġi kundannat iħallas lill-attriċi pensjoni alimentarja f'ammont, lok u żmien, li jiġu determinati minn dina l-Qorti; (3) li l-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili, in kwantu applikabili għall-każ, u jiġi eventwalment applikat id-dispost ta' l-art. 59 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-ispejjeż,

kompriżi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenuti nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda titlob li tinfired mill-konvenut żewġha minħabba adulterju. Dina hija, bla dubju, il-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikultà tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispożizzjoni leġislativa li tillimita dina l-prova, huwa ormaj paċifiku fid-dottrina u l-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizji u preżunzjonijiet, purkè dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallux ebda dubju f'min għandu jiġġudika. "Oggi", jgħid l-Arcieri, "è rimesso alla prudenza dei giudici vagliare le prove che a sostegno del fatto si allegano, sapendosi molto bene che gli adulterii si meditino e si concertino in segreto, e si consumino dietro le precauzioni più prudenti per occultarli; per cui difficilissimo sarebbe l'acquisto di una prova di flagranza o di veduta" (Studii Legali, Vol. II, para. 310);

Illi l-provi prodotti mill-attriċi f'dan ir-rigward jikkonsistu f'diversi ċirkustanzi li, fil-fehma tal-Qorti huma biżżejjed biex iwasslu għall-konsumazzjoni ta' l-adulterju minnha mputat lil żewġha. Difatti rriżulta..............;

*Omissis;*

Illi rriżulta wkoll li, sa minn qabel is-safar, il-konvenut kien jiltaqa' ma' l-imsemmija Curmi fil-ġnien ta' Hastings; u għalkemm dana qalu x-xhud Saċ. Dun Giuseppe Zarb fuq l-għajdud tan-nies, il-Qorti tista' u tħoss li għandha tieħu in-konsiderazzjoni dina ċ-ċirkustanza, peress li għandha importanza sostanzjali fuq il-meritu tal-kawża, anzi tifforma parti mill-meritu tagħha (art. 598 Kod. Proċ. Ċiv.); del resto, ix-xhud..............;

Illi hu veru li għall-konsumazzjoni ta' l-adulterju teħtieġ il-prova tal-konġunġiment karnali; iżda anki dina l-prova, skond il-prinċipju fuq enunċjat, tista' tkun indizjarja, u tista' tiġi deżunta miċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fosthom, skond il-fehma tal-Qorti, il-ħarba tal-konvenut ma' ħabibtu, Annie Curmi. Il-fatt tal-ħarba ta' wieħed mill-miżżewġin mal-parti

korrea, ġie kostantement ritenut bħala indizju gravi ta' l-adulterju (v. *Crivellari, Codice Penale Italiano*, art. 353-358, para. 114, paġ. 635; u *Digesto Italiano*, "Adulterio", para. 242);

Illi, sostanzjat *il-motiv* ta' l-adulterju, l-attriċi ma kellhiex bżonn li tipprova wkoll il-motivi l-oħra minnha dedotti; għaliex hu magħruf li hija biżżejjed li tirriżulta waħda biss mill-kawżali elenkati mill-liġi għas-separazzjoni personali (Kollez. XXVI—II—110);

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minħabba l-adulterju tal-konvenut;

Tilqa' t-tieni talba, billi tikkundanna lill-konvenut.........;

Tilqa' t-tielet talba, billi tiddikjara l-konvenut dekadut..............;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.